# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ
**L-AKKADEMJA TAL-MALTI**

DIĊEMBRU
**1976**


# INQAJMU KUXJENZA NAZZJONALI

*Kull pajjiż igħożż il-wirt li ħallewlu missirijietu. Kull pajjiż jiftaħar b'dak li jħoss li hu tiegħu. Aħna wkoll f'artna niftaħru b'tant snin ta' ċiviltà, niftaħru bit-tempji neolitiċi tagħna, niftaħru bl-istorja tagħna li tidħol fl-istorja tal-Mediterran u ta' potenzi kbar li għaddew fuqna u ħakmuna. Niftaħru anki b'affarijiet kull tant insinifikanti li jistgħu jinsabu f'pajjiżi oħra, bħal ma hija x-xemx li ssaħħanna u ssaħħan pajjiżi oħra, bil-baħar ikħal li jdawwarna bħalma jdawwar pajjiżi oħra. Niftaħru u nagħmlu tajjeb. Imma ħaġa tal-għaġeb b'ilsienna flok li nħossuna kburin, kważi nbatu b'sens ta' inferjorità. Hawn xi wħud li għad ma fehmux kemm hu wirt għażiż, kemm hu wirt uniku li ma ssibux f'pajjiżi oħra u li pajjiżi oħra jgħożżu u jiftaħru b'tagħhom li forsi mhux dejjem għandu dik ix-xi ħaġa waħdanija li għandu tagħna.*

*Fejn jidħol ilsien art twelidna bqajna nbatu minn sens ta' inferjorità, minn ħakma neo-kolonjalistika. Kellna t-Taljan li ddeffes u ħarbat ilsienna u issa għandna l-Ingliż li mhux biss qed iħarbat il-vokabolarju imma anki l-idjoma Maltija. Il-kburija nazzjonali hawn irmejnieha wara spallejna biex ġrejna wara ilsna oħra. Ma rridux infissru b'daqshekk li nwarrbu l-ilsna barranin għalina tant meħtieġa u li għalihom għandna tant ħeffa biex nitgħallmuhom. Li rridu huwa li wieħed iħares is-safa tal-idjoma Maltija, li l-idjoma Maltija tibqa' Maltija mhux issir taħlita bla sens ta' idjomi Ingliżi maqluba ħażin għall-Malti.*

*Il-ħtija ewlenija ta' din il-ħerba li qed issir tintefa' bla ebda dubbju ta' xejn fuq il-ġurnalisti tagħna u fuq dawk li jaħdmu fil-mezzi kollha tax-xandir għax huma mhux biss qed igħaffġuh imma wkoll iwassluh u jgħallmuh lill-poplu mgħaffeġ. Il-Malti li qed joħorġu bih hu xi ħaġa skandaluża barra li hu ridokolu. Ma jixhidx għajr in-nuqqas ta' kompetenza ta' dawk li jiktbuh u l-atteġġament ta' x'jimportani jew basta tiddobba ta' dawk li jmexxu. Min hu responsabbli għall-ġurnali, min hu responsabbli għall-mezzi tax-xandir għandu jiċċaqlaq, għandu jħoss il-kuxjenza tniggżu li qed iħalli ilsien art twelidu jitħarbat u jitfarrak. Hu dmir qawwi li jieħu ħsieb li l-affarijiet jimxu sewwa. Jekk ma għandhomx nies imħarrġa biżżejjed għal dan ix-xogħol għandhom isewwu n-nuqqas mill-aktar fis. Għandhom iħossu li hu nuqqas ta' dmir ċiviku, ta' pattrijottiżmu li tħalli balbuljati bħal dawk jixxandru fil-ġurnal jew fuq ir-radju u t-televiżjoni.*

*Il-Prim Ministru fl-ewwel diskors tiegħu wara l-elezjoni wiegħed li jrid jagħti każ serju tal-kultura. Imma kultura bla ilsien, kultura b'ilsien imlaqqat u mħarbat kif qed jużaw il-ġurnali u l-mezzi tax-xandir hu diżunur għal Malta u għal min hu responsabbli*

*Pajjiż li ma jagħtix każ ta' ilsienu ma ħaqqux il-ġieħ ta' nazzjon, wisq inqas it-titolu ta' indipendenti.*

*Jeħtieġ li ma nibqgħux indaħħku nies bina. L-influwenza li għandhom il-mezzi tax-xandir u l-ġurnali fuq il-poplu kulħadd jafha. Il-ħsara li qed issir hija kollha ħtija tagħhom għax qed idarru lill-poplu jitkellem u jfisser ruħu b'dik l-idjoma li qed jippreżentawlu huma, idjoma mfarrka, mgħawġa, ikkupjata u fuq kollox ikkupjata ħażin li tasal għar-ridikolu.*

*Hija daħka fil-wiċċ li f'parti mill-ġurnal issib il-paġna letterarja u fil-paġni l-oħra ssib kawlata lingwistika. Hi ridikolaġni li f'ċertu ħin tagħmel programm fuq Malta, fuq il-kultura, fuq l-ilsien Malti u fil-kumplament tal-programmi tiltaqa' ma' kliem li ma jeżistix fil-Malti, ma' idjomi maqluba bla sens mill-Ingliż. Jekk min qed jitkellem ma jafx juża Malti tajjeb, jekk min qed jikteb jew jittraduċi ma jafx juża Malti tajjeb, jistudjah inkella jwarrab min-nofs, sinjal li ma hux kapaċi għal dak ix-xogħol. Fejn ma hemmx kapaċità ma għandux ikun hemm preżunzjoni.*

*Qed nilqgħu biżżejjed fl-iskejjel bit-tagħlim tal-Malti għal din il-ħerba li qed issir f'ilsienna? Ħaġa waħda żgur li fiha jistgħu jgħinnu l-għalliema tal-Malti hija li juru liż-żgħażagħ l-ereżijiet lingwistiċi li qed jinkitbu fuq il-ġurnali u li jxandru fuq ir-radju u t-televiżjoni. Għall-inqas hekk ikunu qed igħinnu biex iqajmu magħna kuxjenza nazzjonali, biex iż-żgħażagħ jindunaw bil-ħmerijiet, bl-iżbalji u t-tgħawwiġ waqt li jkunu jaqraw, jisimgħu jew jaraw.*

*U hawn inħajru lil kulħadd jagħmel ħiltu bis-sinċerità kollha ħalli jipprotesta bil-qawwa u bid-dinjità, bil-kostanza u bil-perseveranza sakemm naslu li jkollna Malti tal-Maltin.*

*Jeħtieġ li nqajmu kuxjenza nazzjonali fuq dan. Jeħtieġ li l-poplu jifhem li lsienu hu wirt għażiż għalih bħalma huma t-tempji neolitiċi, l-istorja u ħwejjeġ oħra. Jeħtieġ nuru lill-poplu kif lsienu qed jitnawwar, kif qed jitherra. Jeħtieġ li kulħadd jagħti sehmu ħalli dan l-għan jintlaħaq. Jeħtieġ jittieħdu passi minn min hu responsabbli ħalli din il-ħsara tieqaf darba għal dejjem u nibdew nisimgħu Malti Malti, Malti kif jitkelmuh il-Maltin, mhux Malti mfarrak u mgħaffeġ kif qed jiktbuh u jsemmgħuh b'nuqqas ta' kompetenza, b'nuqqas ta' sens ċiviku l-gurnalisti u l-qarrejja ta' fuq ir-radju u t-televiżjoni. Malta ma hix Malti Maltija bla l-ilsien Malti, aħna ma aħniex Maltin bla l-ilsien Malti, aħna m'aħniex poplu ċivilizzat b'ilsien imfarrak.*

# Eskapiżmu

**Albert M. Cassola**

Moħħu fil-qbiż
u fit-tagħwiġ taż-żfin,
taż-żgħażagħ biss.
Żfin li għalih
trid nervi qawwijin,
trid muskli ta' l-azzar,
trid nifs ta' żiemel tat-tiġrija,
trid ħeffa bħal għasfur,
trid elastiċità.

Biex daqs raddiena ddur,
u tqum u toqgħod
u tinżel għarrkobbtejk
u t-tfajla tiġbed lejk
u mbagħad timbotta;
u tegħreq bla tixxotta
l-għaraq ta' ma' ħaddejk,
għaraq ta' saħna mġenna
ta' mħabba, ta' telfien,
ta' saħħa.
ta' elettriċità.

Mad-daqq ta' dan iż-żmien,
ta' tnabar u kitarri
itarrxu kullimkien,
fost it-twerżiq qisu tal-bhejjem
ma jaqta' xejn,
qalb kotra ta' tfajliet
(dawn t'għada l-ommijiet?)
bid-dbielet fuq l-irkobba,
qishom il-maħrubin
minn sanatorju,
qishom il-mixtiqin
li m'għandhomx sabar,
m'għandhomx kompless
ta' nisa nisa,
m'għandomx irżin tas-sess.

U hu bix-xuxa twila
tgħattilu moħħu, widnejh u għonqu,
donnu jrid jifga' f'demmu
id-demm ibaqbaq,
iliġġem l-enerġija
taż-żgħożija.
Bil-qmis miftuħa, imxattra,
sidru miblul u jleqq,
qalziet irqiq u dejjaq.
bħal pedistall.

Dak biss igħollih
fuq l-annimal.

Bniet u subien.
Ma tafx jagħmlux tibjin,
bejn safa' u tbajja',
ma tafx jifhmux il-ħajja,
ma tafx semgħux bil-ġenna,
jemmnux f'xi verità.

Iżd' hu ħass li jrid jibki.
Għax qalb kellu żagħżugħa.
Din irnexxielha tifhem
xwejħa, waħidha man-niket,
imsakkra ġewwa dar,
mifnija mill-imrar,
maħqura b'ħafna snin.
Tmenin.

Huwa madwar l-għoxrin.

Imgħaġġeb b'dik il-mara,
"Agħmel il-qalb," qalilha,
"La darba qiegħda titlob:
ta' faraġ huwa t-talb."

U hi:
"Tibżax, żagħżugħ, mid-dinja.
Jien naf li int qed tfittex
taħrab minnha fil-bogħod:
flok tibża', flok tirtgħod,

tiżfen u ddur biex tinsa
l-għelt u t-tiġrib.'"

Hija ssoktat:
"Ħabib,
arfa' salib
kif narfa' jien ...
Kull żmien
ħu żmien in-niket,
sa mit-tfulija.
Hija,
tibżax mit-toqol.
Ibni,
tibżax mis-snin
li, kif taf int,
ġejjin għalik.
U min ma fittixx bħalek
jagħlaq għajnejh u jinsa?
Jien?
Oh, li kont taf!...
U wsalt
hekk, f'daqqa waħda, f'salt,
għat-tmenin sena,
Inkaxkar toqol kbir
li jismu ħajja.
Għotort seba' darbiet bħal Kristu.
Fid-dinja għalhekk neżistu.
Qomt fuq saqajja dejjem
u għadni hawn nistenna
li ntemm il-ħajja biex nibda l-ħajja.
Naf, naf biż-żejjed:

jien xorta bħalek.
Fittixt fi żmien li ninsa
fittixt li naħbi.
Ibqa' kif int.
għix kif qed tgħix.
Kultant,
id-dar,
f'kamartek,
waħdek, infexx fil-biki.
U sejjaħ ħdejk

lil Dak li ma jinsiekx."

Qal iż-żgħażugħ:
"Inroddlok ħajr,
xwejħa qaddisa;
sibt faraġ fik
li ma stennejtx.
Faraġ bħal dan ma nsibx
f'dawk it-tfajliet
jiżżiefnu miegħi.
Int ukoll stabar.
mara,
u ssokta ssielet
mal-ħajja li baqagħlek.
Sakemm tistrieħ."

Issa, ix-xiħa u ż-żagħżugħ
infirdu.
Ma kinux jafu 'l xulxin.
Infirdu bi tbissima.
Sa jissoktaw
jissieltu.

# DAWL FID-DLAM

**Damma ta' Poeżiji ta'**

**MANWEL NICHOLAS-BORG**

**L-Akkademja tal-Malti tixtieq tiżżiħajr lill-awtur ta' din id-damma ta' poeżiji miġbura fi ktieb hekk voluminuż (358 paġna) għall-ġest tassew sabiħ tiegħu meta għoġbu jirregala għadd kbir ta' kopji — iżjed minn mija — lilha biex tiddisponi minnhom kif tixtieq. Il-ħsieb tiegħu kien li jgħin kemm jista' l-fondi ta' l-Akkademja tal-Malti li qatt ma kienu ta'bin. Għal-daqstant, min fost il-membri akkademiċi jew imseħbin fi IL-MALTI jixtieq jikseb kopja ta' dan il-ktieb jista' jikteb lit-Teżorier, is-Sur Pawlu Mifsud, 24 Triq il-Ferrovija, B'KARA, u jibgħat ukoll £M2 u jirċevih id-dar bil-posta. Tkunu qegħdin tgħinu lill-Akkademja u fl-istess ħin tagħmlu konoxxenza mill-qrib ta' ħabib kbir ta' l-Ilsien Malti li, għalkemm ilu s-snin l-Awstralja, baqa' miġbud sħiħ lejn l-Art li tagħtu l-ħajja.**

# PRIŻMA

## Radjudramm
## ta' Vic. Apap

**(jorbot ma' Sett. 1976 p. 88)**

**Xiħa:** Warda Maltija
Tal-Gżira li rat fuqha l-isbaħ ġrajja
U bl-egħżież wirt sal-lum għadha mimlija.
Warda Maltija.

**Toni:** Grazzi. Kif taf li jien Malti?

**Xiħa:** U naf min int ukoll: is-sur Toni Bajada, wieħed mill-aqwa għawwiema ta' Malta. Issa nifrex il-karti biex naqralek xortik?

**Toni:** Ħaġa waħda nixtieq naf. U sa nħallsek bil-quddiem.

ĊEKĊIK TA' FLUS

**Xiħa:** Qalbek tajba, sinjur. Staqsini u nwieġbek.

**Toni:** Il-lejla sa jsir ballu kbir għand il-Kontessa Walewska.

**Xiħa:** L-isbaħ ballu tas-sena. Sa jkun hemm l-aqwa nies.

**Toni:** Nixtieq immur jien ukoll. Imma kif nagħmel?

**Xiħa:** **(tidħak)** Dan li ridt taf? Ħa, ħa, ħa... Jien nista' nirranġalek.

**Toni:** Tassew?

**Xiħa:** U, sinjur, inti qiegħed waħdek f'din il-belt. Clara, miskina, qiegħda Ruma weħidha. Qalbha sewda, ruħi qalbi. Benito qiegħed bħalissa Addis Abeba jitkellem man-Negus dwar l-Iljun tad-Deheb. Kemm xtaqet Clara tiġi Napli għand il-kontessa. Jekk tgħidli li takkompanjaha int, kemm inċemplilha biex tiġi. Għalik, bħala Malti, Benito ma jgħid xejn.

**Toni:** Lanqas għandi x'nilbes għal-ballu. Taħseb li nsib xi ħaġa tgħodd għalija?

**Xiħa:** Ħa, ħa ħa... Jekk tħalli f'idejja, tkun liebes l-aħjar wieħed. X'jidhirlek minn kostum ta' Gran Mastru ta' Malta? Ħalli f'idejja, sinjur. Naħsiblek għal kollox jien.

**Toni:** Tal-għaġeb.

**Xiħa:** Imma, sinjur, taf int, ikolli nonfoq il-flus biex jirnexxili nagħmel kollox kif tixtieq qalbek.

**Toni:** Fhimtek, fhimtek. X'għandi nagħtik?

**Xiħa:** Le, sinjur. Mhux issa. Jien biex tkun taf biss qiegħda ngħidlek.

**Toni:** Agħmel inti.

**Xiħa:** Ħalli kollox f'idejja. Issa sa nħallik, sinjur; din biċċa xogħol li fiha ħafna taħbit. Ħallejtek.

**Toni:** Telqet, u jien bqajt waħdi naħseb kif sa nġib ruħi ma' Clara u x'sa naqbad ngħidilha.

GHAJAT TA' FOLLA RIESQA MILL-BOGHOD

Reġgħu għaddejjin il-ħaddiema. Milli jidher għadhom imbaqbqin daqs qabel.

GHAJAT JOQROB

Għadkom m'għamiltu xejn?

**Raġel:** Kelb is-sur Giulio. Ma jridx jagħtina li ħaqqna. Hsiebu biss biex iħaxxen bwietu. Ma jafx li jekk ma naħdmux aħna, ix-xogħol jiqaflu u kollox isirlu suf.

**Toni:** Naħseb li għandu biex igħix.

**Raġel:** Għalhekk iwebbes rasu.

**Toni:** U jekk iwebbes rasu, intom tmorru l-aktar minn taħt.

**Raġel:** Mingħajrna ma jsirx xogħol.

**Toni:** Naf. Imma hu jiflaħ aktar minnkom u jista' jagħlaq il-fabbrika.

**Raġel:** X'jagħmel? Bxara tiegħek irridu.

**Toni:** Bir-renti li għandu jista' jieqaf mit-taħbit u joqgħod igħix bla inkwiet.

**Raġel:** Jaqaw inti xi wieħed imħallas minnu? Imqabbad biex tqanqal it-taħwid bejn il-ħaddiema?

**Toni:** Lanqas xejn minn dan. Jien miniex minn hawn.

**Raġel:** Tidher. Ġiebek hawn biex ixxewwex. **(igħolli leħnu)** Hbieb hawn wieħed irid jagħmilha tal-ħelu. Ejjew nuruh min aħna.

**Toni:** Lanqas laħaq qal l-aħħar kelma li ma ħassejtx id taħtafni minn driegħi, tixħetni f'karrozza u titlaq bija maħruba.

**Raġel:** Fejn mar? Skarta qalb il-folla. Qabillu, għax ħażin kien ikun għalih.

AQTA' GHAJAT F'DAQQA

**Xiħa:** Inti ma tibżax għal ħajtek? Kieku ma kienx hemm ibni li ħallejtu warajja biex jieħu ħsiebek, min jaf x'kien isir minnek!

**Toni:** Grazzi. Safejn naf jien, m'għamilt jew għidt xejn ħażin.

**Xiħa:** Imissek m'għidtx. Tkellimt is-sewwa. Għal folla mgħaddba m'hemmx agħar milli turiha s-sewwa. Titlifha minn sensiha. Ara x'sa ngħidlek: sakemm iddum fostna ħallik mis-sewwa. Hares madwarek: hawn xi ħaġa sewwa milli qed tiġri? Sewwa li Walewska telqet mill-Polonja? Jew li Kleo tbiegħdet minn art twelidha? Sewwa li Emma mhix qed tgħix ġo darha? Sewwa li Clara tilfet lil Benito minn sensih? Is-sewwa, jekk tridu, tfittxux ġo Napli... jew, jekk niġu għal dan, fl-ebda belt oħra tad-dinja.

**Toni:** Noqgħod fuq it-twissijiet tiegħek. Taħseb li dak ir-raġel jibqa' jagħrafni?

**Xiħa:** Nittama li le. Jiena nagħmel minn kollox biex innessih. Issa ħallik minn dan. Ara x'jidhirlek mill-kostum li għażiltlek. Horatio mhux sa jieħu gost bik għax sa tkun liebes aħjar minnu. Tant hu hekk, li Emma titħajjar tiżfen miegħek.

**Toni:** U jien x'nagħmel? Ngħidlek is-sew: aktar naf ngħum milli niżfen.

**Xiħa:** Inti iżfen magħha biex Napoleon jieħu pjaċir jara lil Horatio jqatta' msarnu.

**Toni:** U bi Clara x'nagħmel?

**Xiħa:** Taħsibx li dik sa toqgħod miegħek il-ħin kollu. Bilħaqq, ara li ma tmurx issejħilha b'isimha hemm ġew. Il-maskra mhix sa taqlagħha minn wiċċha; ħlief il-kontessa ħadd aktar mhu sa jkun jaf min hi.

**Toni:** Halli fi ħsiebi. Jiena mdorri b'missjonijiet sigrieti u ta' sogru.

**Xiħa:** Naf. Issa tista' tmur. Tiltaqa' ma' Clara għandi, hawnhekk, fit-tmienja ta' fil-għaxija. Int asal ftit qabel biex tilħaq tilbes il-kostum. Taħsibx għal taxi. Iwassalkom ibni. Saħħa.

**Toni:** Hriġt minn hemm ġew qisni qiegħed ngħix f'dinja oħra. Waqt li qabel kelli ħrara kbira li mmur għall-ballu, issa donni bħal raġa' bdieli. Imma la lħaqt tajt il-kelma ma ridtx immur lura minnha. Hallejt ruħi f'idejn id-destin. Xtaqt li l-ħin ma jasalx, imma għall-kuntrarju, is-sigħat donnhom ġrew aktar ħfief milli jmisshom. U jien sibt ruħi għand il-kontessa Walewska flimkien ma' Clara.

## MUŻIKA TAŻ-ŻFIN MATUL IX-XENA

Bdejt nistħajjel li n-nies kollha ta' hemm ġew qegħdin iħarsu lejja u jitkellmu fuqi.

**Clara:** Tinsiex li m'għandek qatt issejjaħli b'ismi. Hadd m'għandu jkun jaf li qiegħda hawn. Ara l-kontessa. Ejja miegħi ħalli nippreżentak.

**Marie:** Dan żgur huwa s-sinjur Malti li qaluli għandu jiġi jonorani l-lejla.

**Clara:** Is-sur Toni Bajada, għawwiem magħruf u dilettant kbir tassajd taħt il-baħar.

**Toni:** Nirringrazzjak, kontessa, li għoġbok tilqagħni għandek.

**Marie:** Il-pjaċir hu kollu tiegħi. Il-Gżira tal-Baħar Ikħal għandha biex tiftaħar bi rġiel sbieħ bħalek.

**Toni:** Dak il-ħin ħassejt fawra tielgħa għal wiċċi.

**Clara:** Tħallix lil Napoleon jisimgħek tgħid kliem bħal dan għal irġiel oħra.

**Marie:** Bħalissa qiegħed fis-sala tal-logħob mitluf fil-poker.

**Toni:** Waqt li ż-żewġ nisa kienu jitkellmu, stajt nara li sikwit l-għajnejn sbieħ tal-kontessa kienu jissammru fuqi donnhom riedu jisirquli qalbi.

**Clara:** Marie, tħallini nibqa' bil-maskra, hux hekk?

**Marie:** Diġà naf kollox. U kelmti nżommha, basta ma żżommx għalik waħdek lil-kavalier Malti.

**Clara:** Meta tridu tista' tagħmlu tiegħek.

**Toni:** Kemm hi tajba din. Kont qisni xi oġġett li jistgħu jgħadduni minn id għal oħra kif jidhrilhom bla ma jistaqsuni.

**Marie:** Ejjew noħorġu fil-veranda. Hawn ġew hawn wisq nies. Hemmhekk inkunu nistgħu nitkellmu aktar bil-kwiet. Inti xi tgħid, sur Bajada?

**Toni:** Ma sibtx kliem xi ngħid il-kontessa qabditni labranzetta u mexxietni lejn il-ġnien.

**Clara:** Jiena sa nibqa' hawnhekk.

BIEGĦED MUŻIKA SAKEMM TISPIĊĊA FIX-XEJN

**Toni:** Ma konniex sa nibqgħu fil-veranda.

**Marie:** Halli nurik il-ġnien tal-villa. Fil-ġnien hemm żiffa ħelwa, aħjar mill-għeluq ta' ġewwa.

**Toni:** Il-mistednin tiegħek ifittxuk.

**Marie:** Għall-mistednin l-aqwa li għandhom il-mużika, u fuq kollox l-ikel u x-xorb. X'jidhirlek mill-ġnien?

**Toni:** Naħseb li bin-nhar għandu dehra sabiħa.

JINSTAMA' ILMA TA' NIXXIEGĦA

**Marie:** U bil-lejl jieħu xeħta romantika. Inpoġġu fuq dan il-bank ħdejn in-nixxiegħa u għid'i jekk tħossokx tinsa d-dinja kollha.

**Toni:** Il-qamar kwinta. Id-dija tiegħu fuq l-i'ma tan-nixxiegħa tagħmel sabiħ ħafna.

**Marie:** Qiegħda nara li għandek sens tajjeb ta' osservazzjoni. Issa, għidli, x'jidhirlek minni?

**Toni:** Sadattant konna bil-qiegħda fuq il-bank. Ma għaraftx inweġibha. Hi resqet qribi.

**Marie:** X'sa tgħidli?

**Toni:** Miniex nifhmek.

**Marie:** M'intix tara b'liema xewqa qiegħda nħares lejk?

**Toni:** Għadek kemm sirt tafni ftit minuti ilu. Xinhi dit-telfa tiegħek għalija?

**Marie:** Min qallek li hi telfa? Taħsibx li hi mħabba. Din hi biss...

JINSTEMGĦU PASSI MGĦAĠĠLA RESQIN

**Toni:** Riesaq xi ħadd.
**Marie:** Tellifna kollox.
**Napoleon:** **(riesaq)** Marie, dan għaliex qiegħda hawn?
**Marie:** Napoleon, nippreżentalek il-mistieden tiegħi: is-sur Toni Bajada.
**Napoleon:** **(xott)** Għandi pjaċir. Ejja nidħlu ħdejn l-oħrajn.
**Marie:** Ġewwa hemm sħana wisq. Is-sinjur kien qed jirrakkuntali fuq pajjiżu: Malta.
**Napoleon:** Malta? Darba għaddejt tlitt ijiem hemmhekk. Ma laqtitni xejn.
**Toni:** Lill-Viskonti Horatio togħġbu ħafna l-gżira tagħna.
**Napoleon:** Dak ma jafx jara. Bniedem insipidu għalija. Marie, il-mistednin staqsew għalik. Nidħlu!
**Marie:** Sur Bajada, ma niksrulhomx qalbhom lill-mistednin. Ejja nidħlu ħdejhom.
**Napoleon:** Jekk is-sur Bajada jrid joqgħod igawdi l-hena tal-ġnien, m'għandniex intelfulu l-gosti tiegħu.
**Toni:** Nista' niġi magħkom jien ukoll.
**Napoleon:** Il-kontessa sa tiżfen miegħi issa.

WAQQAF IL-ĦOSS TAN-NIXXIEGĦA U TIBDA TIN-STAMA' L-MUŻIKA TAŻ-ŻFIN.

**Giulio:** Jiena m'għandix moħħ iż-żfin.
**Kleo:** Derri, ruħi, derri. Ma tistax tibqa' taħseb il-ħin kollu fuq ix-xogħol.
**Giulio:** Dan l-ilbies ta' fuqi nħossu ħaġa taċ-ċajt.
**Kleo:** Taċ-ċajt libbistek ta' Imperatur Ruman?
**Giulio:** Ħsiebi mhux f'hekk. Lill-ħaddiema rrid nibqa' nżommilhom iebes. Naraw min hu l-aktar b'saħħtu minna: jiena jew huma.
**Kleo:** Mhux kulħadd jaf li inti aqwa minnhom? Imma jkun aħjar jekk tagħtihom xi ħaġa milli talbuk. Tiffranka ħafna inkwiet.
**Giulio:** Jekk nagħmel hekk jieħdu r-riħ u għada jitolbu iżjed. Trid teqfilhom mill-ewwel.
**Kleo:** Imma jekk forsi għandhom raġun?
**Giulio:** Raġun xejn. Kull wieħed minnhom, meta daħal jaħdem miegħi, kien jaf kemm sa jitħallas u liema huma s-sigħat tax-xogħol
**Kleo:** Allura ma jippruvawx itejbu l-qagħda tagħhom?
**Giulio:** Mhux bit-tehdid u billi jieqfu mix-xogħol.

**Kleo:** Dak dritt li tagħtihulhom il-liġi. Mhux hekk, Giulio?

**Giulio:** Kleo, jekk il-liġi tagħtihom dan il-jedd, jien għandi wkoll kull jedd li nagħlaq il-fabbrika.

**Kleo:** Bil-kliem biss tgħidu dan, Giulio. Mingħajr il-fabbrika ma tgħixx.

**Giulio:** M'għandix biex ngħix?

**Kleo:** Għandek: imma ma toqgħodx ma tagħmel xejn. Ejja mmorru nieħdu xi ħaġa la ma tridx tiżfen.

**Giulio:** Niġi miegħek, imma wara nitlaq lejn id-dar.

**Kleo:** Ma xtaqtx immur għalissa.

**Giulio:** Inti ibqa'. Terġa' tiġi l-karrozza tiegħi tistenniek.

**Toni:** Deher li Giulio kien qiegħed fuq ix-xwiek. Is-soltu, kif smajt, kien iħobbhom dawn il-festi; imma l-lejla moħħu kien band'oħra. Lil Kleo ma qalilhiex, imma jiena kont naf li kellu laqgħa importanti mal-mexxejja tal-ħaddiema. Giulio bies lil Kleo fuq ħaddejha, għafsilha spallejha u telaq igħaġġel 'il barra. Rajt għajnejn Kleo jleqqu bid-dmugħ. Ersaqna fuqha jien u Marie tista' tgħid fl-istess ħin.

**Marie:** Kleo, għaliex qiegħda tagħmel dak il-wiċċ imqarras? M'għandekx għa'fejn.

**Kleo:** Giulio ma satax joqgħod aktar.

**Marie:** Naf. Qalli huwa u ħiereġ. Talabni niġi ħdejk, indur bik u nderrilek.

**Kleo:** Qalbi qiegħda teħbirni ħwejjeġ koroh, koroh ħafna. Giulio rasu iebsa wisq.

**Marie:** Toqgħodx taħseb f'hekk. Giulio jaf x'għandu jagħmel aktar minnek. Ma jridekx toqgħod issewwed qalbek. Ġibtlek dan il-kavalier Malti biex jagħmillek kumpanija u jkollok ma' min tiżfen.

**Kleo:** Nirringrazzjak. U nibqa' nafhulek dak li trid tagħmel miegħi, imma emminni, ma nħossnix fiha li għandi niżfen il-lejla.

**Toni:** Jien bqajt inħares lejn iż-żewġ nisa. Ma kienx fihom x'tagħżel għal dak li hu ġmiel. Ma kenux jixxiebhu, imma kull waħda minnhom kellha ġmiel għaliha. F'daqqa waħda...

**Marie:** Ih, x'waħda din! Mar id-dawl.

## GĦAGĦA ĦAFIF TAN-NIES

**Toni:** Ma ġara xejn. Xi ħsara żgħira fl-elettriku. Ma jdumux ma jsewwu kollox.

**Marie:** Toni, qiegħda nibża'. Żommni miegħek tajjeb. Tista' tkun xi mossa tal-ħallelin biex jisirqu l-ġojjelli tal-mistiedna.

**Toni:** U le, taħsibx hekk. Dak il-ħin xtaqt li l-ħsara ma tissewwiex. Marie kienet imgħannqa miegħi bi ħlewwa kbira. Stajt inħoss in-nifs ħelu tagħha fuq wiċċi u l-leħġa ta' sidirha ma' qalbi.

SADATTANT IL-MUŻIKA TKUN WAQFET

**Kleo:** Qegħdin jixegħlu x-xemgħat tal-kandelabri.

**Toni:** M'għandekx għalfejn tibża'. Qiegħda tara? M'aħniex aktar fid-dlam.

**Marie:** X'qatgħa ħadt. Mitt ħsieb għaddieli minn rasi.

**Toni:** Minn daqqa t'għajn li tajt madwari lmaħt lil Napoleon bil-qiegħda fit-tarġ imperjali qiegħed jagħti bewsa lil Clara li kienet neħħiet għal waqt wieħed il-maskra minn fuq wiċċha. Marie ma ndunat b'xejn.

**Marie:** Għidu biex l-orkestra terġa' tibda ddoqq. Inkella tqum iktar konfużjoni. Nittamaw li kollox jarġa' jiġi għalli kien. Sur Bajada, titwarrabx minn ħdejja għax nibża'.

**Toni:** Tibża' minn xiex?

**Marie:** Għad m'hawnx dawl biżżejjed. Ma nafx min sata' daħal b'xi ħsieb ta' serq.

**Toni:** U ma tarax! Min sa jissogra jidħol fejn hemm ħafna nies?

L-ORKESTRA TERĠA' TIBDA DDOQQ

**Marie:** Hekk aħjar. Kleo fejn marret?

**Toni:** Marret toqgħod bil-qiegħda f'ġenb tas-sala.

GĦAGĦA FERĦAN

**Marie:** Ġie d-dawl! Jekk ma kenitx xi ċajta. Qed narah ġie malajr wisq.

**Toni:** Issa l-aqwa li għandna d-dawl mill-ġdid.

**Napoleon: (riesaq)** Marie, ma stajtx narak fid-dalma li kien hawn.

**Marie: (bid-daħka)** Hadt ħsiebi, qalbi?

**Napoleon:** Hallik miċ-ċajt. Kleo fejn qiegħda?

**Toni:** Hemm araha: bil-qiegħda fit-tarf tas-sala.

**Marie:** Xi tridha?

**Toni:** Ejja naraw x'nagħmlu biex naljenawha.

**Napoleon:** Noħorġu daqsxejn minn hawnhekk.

MUŻIKA TITBIEGĦED

**Toni:** Tridni mmur insejħilha?

**Napoleon:** Mhux għalissa. Għadhom kemm ċemplu hawnhekk jistaqsu għal Kleo. Billi ma kienx hawn dawl ma stajtx inħallihom fuq

il-linja. Hadt ir-risposta jien.
**Marie:** Bagħat għaliha Giulio?
**Napoleon:** Mhux li kien hekk.
**Marie:** Mela x'kienet ir-risposta?
**Napoleon:** Lil Giulio sparawlu hu u dieħel għal-laqgħa.
**Marie:** X'waħda din! **(imbikkija)** Qalulek kif inhu?
**Napoleon:** Teħodhiex bi kbira. Jaħsbu li sparalu wieħed mill-mexxejja tal-ħaddiema.
**Marie:** Imma kif inhu?
**Napoleon:** Kif inhu... kif inhu... Miet mal-kolp.
**Marie:** X'diżgrazzja! Allura aħna sa nibqgħu sejrin bil-ballu?
**Napoleon:** Kif naqbdu nagħmlu? Jien ma ninqalax għal dawn l-affarijiet.
**Toni:** Lil Kleo donnha qalbha ħebritha. Xi ħadd irid igħidilha.
**Marie:** Tieħu ħsieb tgħidilha int, sur Bajada?
**Toni:** Jien? Jien il-lum għadni kemm sirt nafha! M'għandix kunfidenza magħha.
**Napoleon:** Għidilha li bagħtu għaliha għax Giulio ħassu ħażin. Hu paċenzja u mur wassalha int. Matul it-triq ara kif ittarrfilha xi ħaġa.
**Marie:** Wara li titilqu intom ngħidu lill-oħrajn u nagħalqu l-festa.

(*Jissokta*)

# PIZZI PIZZI KANNA

ta'

KILIN

Billi għal żmien twil fl-istorja tagħna l-kliem tal-ħakkiema, tal-qrati, tal-kuntratti, tal-Knisja u tal-kittieba kien it-Taljan, ħafna ħadu l-idea li l-kliem romanz f'ilsienna ġie kollu mill-Italja. Jien nemmen li ħafna kliem ħallewhulna l-Ispanjoli li għamlu żmien jaħkmu Malta u li kienu wkoll numerużi fl-Ordni tal-Kavalieri ta' San Ġwann. Insemmi xi waħdiet:

| Malti | Spanjol | Taljan |
| --- | --- | --- |
| Pinzell | Pincel | Pennello |
| Invell | Nivel | Livello |
| Armarju | Armario | Armadio |
| Propju | Propio | Proprio |
| Kurunell | Coronel | Colonnello |

U Ninu tal-Milied tagħna mhux ħlief il-nino (ninjo) Spanjol, kelma li tfisser tarbija.

Issa jekk ħallew warajhom ħafna kliem, ma jistax jonqos li ħallew ukoll xi drawwiet, logħob, ċerimonji reliġjużi. F'waħda min-Novelas Ejemplares ta' Cervantes niltaqgħu ma' deskrizzjoni preċiża u dettaljata tal-logħba tal-bixra tagħna bit-tegħmiż b'kollox. Jista' jkun li aħna ħadnieha mill-Briscola Taljana. Min jaf jekk hux it-Taljani ħaduha minn Spanja jew bil-maqlub?

Fost il-logħob folkloristiku tat-tfal tagħna hemm il-Pizzi pizzi kanna. Kif naħseb li jaf kulħadd, f'dil-logħba jinqarsu ħafif id-dahar ta' l-id u s-swaba waqt li jingħad kliem bla sens imma ritmat: "Pizzi pizzi kanna — dolores ta' Sant'Anna — Sant'Anna tal-morina — ħabba biċċa pellegrina — noli kannoli — insara qaddisin — magħref tal-fidda — bandiera tal-ħarir."

Iżjed minn tliet mija u ħamsin sena ilu, Francisco Quevedo kiteb il-ktieb klassiku tiegħu "Historia de la vida del buscon." Fit-tieni taqsima, kapitlu ħamsa, niltaqgħu ma' tfajla, bint is-sid ta' lukanda, li biex turi kemm kellha idejha sbieħ kienet tħobb tilgħab il-"Pizpirigana". Kienu jinqarsu ħafif l-idejn waqt li jingħad il-kliem:

"Pizpirigana — mata la arana — un cochinito — muy peladito — quien lo peló? — la pícara vieja — que está en el rincon — alza la mano — que te pica el gallo — un monito azul — y otro colorado."

(Pronunzja Maltija: pizpiriganja — mata la aranja — un kocinito — muwi peladito — kien lo pelo? — la pikara vieha — ke

esta en el rinkon — alza la mano — ke te pika el galjo — un monito azul — i otro kolorado)

Bil-Malti tfisser: "Pizpigiraña — toqtol (jew oqtol) il-brimba — qażquż ċkejken — imnittef sewwa — min nittfu? — Ix-xiħa brikkuna — li qiegħda fir-rokna — għolli jdek — biex (jew għax) inaqqrek isserduk — ċoff ikħal — u ieħor imlewwen."

Bħall-kliem tal-Pizzi pizzi kanna tagħna dan huwa kliem bla sens, imma r-ritmu u l-azzjoni li jmorru mal-kliem huma l-istess bħal tagħna.

Tgħid ħallewhielna l-Ispanjoli, jew ħaduha huma, bħalna, minn għand l-Għarab?

---

# GHADA MAGHNA

Sawritni n-nida ta' fil-għodu
Mill-ward selvaġġ tax-xagħri.
Xagħri żbul id-deheb,
Pepprin ħaddejja,
Għajnejja l-kampanella.
Sidri xehda għasel ħelu bnin.
Ngħożż ġmieli,
Imkabbra bih
Għax dalwaqt jisbaħ għada...
Il-ward jitbiel,
L-ilwien jitfu,
Jittabba' l-abjad,
Jinxef l-għasel
U għaxja fl-art
Nintemm u mmut.
Ejjew qabel jisbaħ għada
Nitbaħardu.
Duqu ħlewwieti,
Imbagħad morru ħalluni.
Imsieken jekk tħobbuni
U tintilfu wrajja,
Għax jien biss ħolma.
Ma nħossx, ma nħobbx.
Ġisem sabiħ bla qalb.
Ejjew għax għada magħna.

**J. J. CAMILLERI**

# Leħen il-Malti

Poeżiji ta'
CHARLES MIFSUD

Mill-kordi tal-vjolin,
instemgħu ħerġin
in-noti ħelwin,
u taħt gallerija,
raġel imsaħħar
waqaf jissamma'
il-melodija....

Sa leħen imbergħen, minn tieqa biswit,
fettillu jwaqqafhom, għax hekk ħass ġo fih,
li din frattarija.

Indaqqu ta' l-aħħar żewġ noti miksura —
ir-raġel fi triqtu imnikket, mar lura.

Naf nagħder ġrajjietek
O ċkejken vjolin,
għax bħalek kasbruni
uħud mill-Maltin...

insib min jiddieħek mal-bexqa ta' fommi,
Għax ngħanni għanjieti bl-ilsien li taf ommi,
imqar jekk f'ġieh arti nitkellem jismagħni
b'inkejja jinqeda b'ilsien il-barrani:
kif għala nistaqsi, igħiduli li morr,
bla ħlewwa tal-widna, bil-leħen taż-żorr.

Imma nweġibhom,
li kif il-furnar
mill-ilma w id-dqiq
iħallat u jħawwad
kif jaf u jixtieq,
u jkompli fil-għaġna
bil-ħmira jirfina
sa jislet mill-qrusa
il-benna fl-għaġina,

hekk tista' tissawwar il-kelma Maltija,
jekk tkun imsoffija mill-ħżuż barranija.

Jekk b'ħila mirquma,
il-kliem magħżulin,
hemm fihom il-ħlewwa
taċ-ċkejken vjolin;

u jhenni lil qlubna
u jqanqlu, u magħhom
tkun trid tibda tgħanni
kif tisma' l-ħoss tagħhom:

Int sabiħ leħen il-Malti,
daqs kemm hu dak tal-barrani.
Jasal żmien li minn uliedek
ħadd ma jwarrbek għall-warrani?

**25.12.73.**

# Gwerra

Fil-għoli,
l-għasafar li soltu jimirħu bla heda,
intilfu,
jew biddlu surithom imrejxa,
u tħażżmu b'ilbies tal-azzar.
U fejn kienu jħallu warajhom
lill-qalb biex tithenna,
qegħdin issa jnisslu
biża'...
il-biki...
il-hemm...
Flok jgħannu b'tisfira li tgħaxxaq,
leħinhom sar issa twerżiqa
li tkekkex...
li teqred...
li ttemm...
U flok jinżlu huma ferħana
jitbewsu mal-fjuri ħajjin,
qegħdin bħall-għefiered
jiżirgħu mill-għoli
l-imwiet:
Fuq wiċċ ta' baħar fond,
hemm twiebet,
li b'saħħet raddiena,

iħufu 'l hawn u 'l hinn
bit-tama li jsibu
fejn jistgħu isarrfu l-qilla
tar-rabja, bla ħniena,
fuq ieħor —
x'aktarx anqas b'saħħtu --
u wara li jobżqu minn fommhom
il-qerda bin-nar.
iparpru bil-ġiri,
jilagħbu il-moħba
ma' l-għadu.

Fuq qiegħa, li kienet sabiħa
bil-ħila tal-bniedem,
fadal biss ħerba
mifruxa minn id bniedem ieħor
li nissel mibegħda
fi qlub mingħajr ħtija,
fuq art, issa tħammar
bi gliegel imħallta
ta' demm il-qalbiena
ma' dak tal-karfa,
ta' l-għani
ma' tal-fqir,
tal-kbar
u taż-żgħar,
hemm għera li twaħħax,
u nikta li taħsad
kull xefaq ta' tama;
il-ħsejjes li jtarrxu
b'tifqigħ, il-kanuni
iħabbru kull darba
bħall-mota qerrieda
li waslet bħala kieku għalik,
u jekk forsi ħlistha, għal issa.
bqajt b'qalbek imqattgħa
għax għada, bħal-lum,
iwassal tifrik.
Dan kollu għaliex?
Għalija,
m'hix aktar minn ħsieb
ta' bniedem miġnun

fix-xenqa ta' qalbu
li joqtol...
li jisraq...
li jiċħad
il-ħajja għażiża,
u fl-aħħar, taħt idu
imċappsa bid-demm ta' kull vittma.
ikollu is-setgħa tal-ħakma.

Għalhekk din il-qerda...
Għalhekk din il-ħerba...
Għalhekk dawn l-imwiet...

**12.5.74.**

## DAWL FIS-SEMA

Leħħa ta' berqa, tifraq vakum infinit
Eluf ta' mili fis-sekonda,
U wara vjaġġ ta' miljun sena
Għadha ma bdietx triqitha.
Il-moħħ kurjuż tal-bniedem irid jifhem
L-univers bla qies.
Jekk jifhmu jifhem 'l Alla.
In-nies ta' rieda tajba
Raw kewkba fil-għoli
Tleqq u tgħammex bħax-xemx,
U ferħu
Għax stennew bħal darba żmien ilu
L-għana ħelu ta' l-anġli ferrieħa.
Xtaqu tidwi mas-sema jisimgħu
L-aħbar tajba tal-paċi u s-sliem.
Il-kewkba fil-baħħ bla tmiem,
Jekk mhix blat għeri kiesaħ,
Bla lwien, bla ħajja,
Seta' ħalaqha l-bniedem,
U taha sura mill-ħadid imgħawweġ.
U waddabha fil-għoli
Biex Taqdih.
In-nies ta' rieda tajba
Ma jifhmux
Għaliex il-kwiekeb m'għadhomx
Sbieħ u bojod.

**J. J. CAMILLERI**

# L-IDEJAL TA' ĦAJTI

ta'

**ROSANNE GATT**

Min ma jgħix skond xi idejal, m'huwiex qed igħix bħala bniedem li jista' jaħseb; għax kull bniedem irid ikollu xi idejal li se jfassal ħajtu fuqu. Hija ħaġa x'aktarx tqila li wieħed jieħu deċiżjoni hekk, għax biex jiddeċiedi, u jiddeċiedi tajjeb, u jżomm kelmtu, irid ikun bniedem matur.

U min hu matur m'huwiex egoist — ma jaħsibx biss fih innifsu. Min hu matur jintebah bil-problemi tad-dinja, u jipprova jnaqqashom xi ftit: il-problemi tal-ġuħ, tal-faqar, tal-gwerra... Il-bniedem mhux egoist jixtieq jara dinja fejn hemm ix-xogħol, l-ikel, id-djar u l-imħabba għal kulħadd — fejn igħodd il-karattru, mhux il-kulur.

Iżda biex isseħħ dil-ħolma rridu, l-ewwelnett, inbiddlu n-nies — irridu nġegħluhom jaħsbu fl-oħrajn. U dan mhux ħafif, għax kif qal Marx, "The bourgeosie become like animals when you threaten their money." Mhuwiex biżżejjed illi nbiddlu l-ekonomija tal-pajjiż. La l-komuniżmu u l-anqas l-imperjaliżmu ma kellhom effett tajjeb fuq il-karattru tal-bniedem. Kif igħid Shulubin f'CANCER WARD ta' Solzhenitsyn:

"We thought that it was enough to change the mode of production, and immediately people would change as well. But did they? The hell they did. They did not change a bit."

Iżda l-bniedem jista' jinbidel. Irid ikollu rieda qawwija, irid jara d-difetti tad-dinja, u jrid jinduna li l-ewwel irid jirranġa hu, mhux ħaddieħor. Ħafna minna nħobbu nagħtu t-tort lill-oħrajn. Iżda la darba nagħarfu t-tajjeb mill-ħażin, u niddeċiedu li nwarrbu l-ħażin, imbagħad tkun bdiet ir-rivoluzzjoni tal-karattru tal-bniedem.

U kif se nagħżlu t-tajjeb mill-ħażin meta ħafna nies igħidu, kif qal Garth Lean:

"There are no such things as good and evil, black and white, only many shades of grey."

Jien nemmen, kif emmnu Abraham Lincoln, Mahatma Gandhi u Conrade Hunt, fost oħrajn, li hemm xi Ħaġa aqwa mill-bniedem, u meta rridu nisimgħu minnha, tkellimna bl-'inner voice' ta' Gandhi — il-leħen li qiegħed ġewwa kull wieħed u waħda minna — il-leħen tal-kuxjenza.

Għalija nnifsi rrid li ma nkunx maħkuma mill-biża', jew tifħir.

Nixtieq li nkun ta' min jafda fija billi dejjem ngħid is-sewwa u nżomm kelmti, u fl-istess ħin li nkun mara biżżejjed li meta jkolli t-tort nammettih u nitlob maħfra, u meta jkolli raġun ma noqgħodx niftaħar. Irrid ukoll li ma nibżax nitkellem fejn jeħtieġ, u nagħraf meta hu aħjar li nibqa' siekta. Irrid ikolli kuraġġ li niġġieled kontra l-ħażin, u li nobgħod il-ħażen, mhux in-nies li jagħmluh. Irrid ukoll li jkolli l-qlubija li ma naċċettax il-moralità tal-poplu, li ssib skuża għal kull ħażen li jsir. U rrid li nagħmel l-aħjar li nista' minn ħajti, u li nagħmel minn kollox biex jirbaħ it-tajjeb tad-dinja.

Naf li dawn l-idejali ma nistax inwettaqhom kollha. Ħafna huma li jgħidu li hu taċ-ċajt li bniedem jipprova jfassal ħajtu fuq pjan li qatt ma jista' jilħaq. Imma jien nemmen li dawn l-idejali huma bħal kewkbet is-safar. L-ebda dgħajsa ma tilħaqha, iżda l-baħrin jinqdew biha biex jaraw fejn sejrin. Għalhekk, għalkemm qatt ma nista' nwettaq daq kollu li għidt, xorta għandi bżonnu, għax bih, bil-mod, jien nemmen li nistgħu nibnu dinja ġdida ta' imħabba u paċi.

---

# Dahar ta' Bagħal

**J. J. Camilleri**

Misserijietna tkagħwġu biex tellgħu ħaġar qim;
Fl-Eġittu l-burdnara tqanżħu
Biex għollew piramidi;
Taħt salibu mqit
Għal tliet darbiet Kristu nstelaħ;
Mgħawweġ bħal għerq niexef,
Għax għal għomru sħiħ
Ġarrhom fuq dahru 'l martu u lil uliedu;
Fil-belt geddumu fl-art
Inaddaf iż-żraben;
Għaxar bsaten jintraktu
Taħt vara tqila tal-injam;
Il-mudullun tas-sinsla jnixxi
Donnu meraq
Minn zokk ta' ponsjetta mqaċċat.

# L-ILSIEN MALTI F'LOURDES

**mill-**

**PROF. ĠUŻE' GALEA**

Hawn nies li jagħmlu l-ġid bla ma jidhru; huma jkunu mqanqlin minn sentimenti ta' ħniena u ta' mogħdrija, ta' ħaqq u tas-sewwa. L-għemil tagħhom hu minn rajhom, mhux għax iħajjarhom xi ħadd, u wisq anqas għal skop ta' gwadan. Nies bħal dawn jistħoqqilhom kull ġieh, u huma ta' min ifaħħarhom għax it-tifkira tagħhom tiswa bħala xempju ta' qalb ġeneruża u tħajjar lill-oħrajn għall-ħidma ta' fejda.

Hafna drabi nies bħal dawn jisfaw ta' ġid f'oqsma tal-ħajja li wieħed qatt ma kien jobsor; bħalma ġara mill-ħidma tas- sur Ġużeppi Galea, magħruf bħala s-sur Ġużè ta' Lourdes, li daħħal l-ilsien Malti fiċ-ċerimonji internazzjonali li jsiru kuljum fis-santwarju tal-Madonna ta' Lourdes, u għalhekk għollieh f'qagħda ma' l-aqwa ilsna barranin.

Is-sur Ġużeppi Galea qabel miet ftit tax-xhur ilu, kien ilu madwar tletin sena jorganiżża pellegrinaġġi tal-morda Maltin għas-santwarju ta' Lourdes. Hu kien jagħmel hekk mhux għall-gwadan, imma minħabba d-devozzjoni li kellu lejn il-Madonna u l-ispirtu ta' karità lejn il-morda. Kull sena hu kien imidd għonqu għal xogħol iebes, taħbit bla tarf u tisfiq il-wiċċ biex jieħu l-morda u l-immankati f'Lourdes. Pellegrinaġġi ta' devozzjoni għal Lourdes kien ilhom isiru s-snin, imma s-sur Galea għandu l-mertu li hu kien l-ewwel wieħed li beda jorganiżża pellegrinaġġi tal-morda, u għalhekk biss ħaqqu kull tifħir.

Imma il-mawra ta' kull sena lis-sur Galea għamlitu ħabib ma' l-awtoritajiet tas-santwarju u hu nqeda b'dik il-ħbiberija biex idaħħal l-ilsien Malti fid-devozzjonijiet li jsiru hemm ħalli l-morda Maltin bħall-pellegrini ta' nazzjonijiet oħra, ikunu jistgħu jiftħu qalbhom aktar bil-ħrara fit-talb tagħhom lill-Madonna.

Ghax kuljum wara nofs in-nhar, qabel ma jidlam, morda u m'humiex, meta jkunu qalb il-ħdura u l-qdusija ta' Lourdes iħossu fawra ta' mħabba u ta' qima lejn il-Madonna, qalbhom tħeġġeġ bi ħrara lejn dik l-Omm l-aktar għażiża u jimtlew bit-tama tal-barka tagħha; għalhekk mqanqlin minn sentimenti tassew ħarkiena huma jinvokaw il-ħniena tagħha u jitolbuha l-grazzi li jkollhom bżonn.

Dak it-talb ħiereġ tassew mill-qalb, jissejjaħ invokazzjonijiet, u kulħadd igħidu bil-lingwa tiegħu. Ma hemmx ħaġa li tqanqal aktar ir-ruħ mid-dehra ta' eluf ta' nies, miġburin f'ġemgħat nazzjonali, kollha flimkien itennu l-invokazzjonijiet tagħhom b'ilsna differenti. Dari l-

Maltin kien ikollhom jibqgħu siekta, jew isemmgħu l-invokazzjonijiet tagħhom b'ilsien barrani li bosta minnhom ma kenux jifhmuh; imma llum lilna l-Maltin, dak it-talb bil-Malti mħallat ma' talb b'ilsna oħra, jimliena mhux biss b''sens ta' qima u devozzjoni lejn Ommna l-Hanina, imma wkoll b'għoġba għax naraw lill-ilsien tagħna jieħu sehem ma' l-ilsna oħra mhux anqas minnhom.

# Vice Versa

**J. P. Vassallo**

F'dak iż-żmien ... f'dak iż-żmien ... mill-blata (1) ta' l-ambone
    Jum wara jum ifawwar ilma bnin,
Itaffi l-għatx, ifarraġ qlub mifluġa,
    Jaħsel u jdewwi l-ġrieħi tal-bnedmin.

Silta u silta bil-ħlew ta' ilma ġieri,
    Bil-ġarr meqjus ta' leħen ta' ħamiem,
Igelgel safi r-risq tal-bxara t-tajba,
    U jimla l-baħħ bi mħabba u bis-sliem.

Minn ħofra oħra, ħalq ta' bir (2) sewdieni,
    Minn ħalq imħassar, kollu qżież w intiena,
Jisbroffa s-semm taż-żina u tal-mibegħda,
    Fejn jolqot joqtol kull tjubija u ħniena.

Bħal serp jitkaxkar qalb il-ward u x-xtieli,
    Ilsiera jnissel bis-sura ta' ħelsien,
Jaħfi l-imħuħ, l-għeruq tar-rieda jxejjen,
    Jaħlaq il-baħħ tar-ruħ ... daż-żmien ... daż-żmien.

1. riferenza għall-blata ta' Mosè mnejn ħareġ l-ilma.
2. riferenza għal ideoloġiji moderni.

# DUN KARM F'SAN ĠILJAN

### IRĦAMA FUQ IL-FAĊĊATA TAD-DAR

Diskors ta' l-avukat Wallace Ph. Gulia, LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A. (Admin.) (Manch.), D.P.A. (Lond.), President tal-Akkademja tal-Malti, qabel ma kixef l-Irħama fuq il-faċċata tad-dar, 102, Triq Spinola, San Ġiljan — id-dar tal-villeġġatura ta' Dun Karm, fit-13 ta' Ottubru, 1976.

Sinjuri,

Kif tafu din l-Irħama kellha tinkixef mill-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Onor. Dr. Joseph Cassar. Il-Ministru xtaqni nwassal lii din il-laqgħa l-pjaċir li ħa meta sema' b'dan il-ġieħ li l-Akkademja tal-Malti flimkien mal-Komunità ta' San Ġiljan ser tagħti lill-Poeta Nazzjonali u d-dispjaċir tiegħu li mħabba xogħol li nqalagħlu malajr illum, ma jistax jkun magħna l-lejla. Qabel ukoll li fin-nuqqas tiegħu ċ-ċerimonja tibqa' sejra u l-Irħama tinkixef mill-President tal-Akkademja tal-Malti.

Din il-laqgħa hija laqgħa ta' ġieħ u qima lill-Poeta Nazzjonali — Mons. Dun Karm Psaila. Lil Dun Karm ħafna minnha jiftakruh mimli bil-għomor, iżda mbagħad kull wieħed u waħda minnha nifhem li ltaqgħu mal-kitba tiegħu, min ftit min ħafna — kitba ta' kliem li hu ħa minn fomm il-poplu tagħna fi żmien li ħafna kienu għadhom jemmnu li l-kliem li nitkellmu aħna l-Maltin mhux lsien għalih, iżda tifrik — djalett — x'aktarx tat-Taljan jew tal-Għarbi. Imma ż-żmien u l-istudji xjentifiċi taw raġun lil Dun Karm li bix-xogħol tiegħu għolla l-Malti għal-livell ta' Lsien Nazzjonali, imħabba l-għażla tal-kelma sabiħa, sempliċi, armonjuża tiegħu, is-sentiment patrijottiku nisrani u l-ħeġġa li kellu għal dak kollu li għandu x'jaqsam ma' "Din l-Art Ħelwa, l-Omm li tatna isimha".

Dun Karm twieled u trabba Ħaż-Żebbuġ (Malta) u fil-Malti tiegħu dejjem fhimt li hemm xhieda kemm trid ta' dak it-twelid u t-trobbija. Biż-żmien, imħabba l-ħtieġa tax-xogħol tiegħu, ħareġ minn Ħaż-Żebbuġ u mar joqgħod il-Belt Valletta. Imbagħad għamel bħal ħafna Maltin li ħarġu mill-ibliet u marru joqogħdu tas-Sliema. Fl-istess żmien ħa dar tal-villeġġatura f'San Ġiljan, sewwa sew din id-dar li għandha l-unur li l-lejla fuq il-faċċata tagħha ser tinkixef din l-Irħama li tfakkar dan il-fatt fil-ħajja tal-Poeta Nazzjonali.

Il-ħsieb ta' din l-Irħama ġie lill-Komunità ta' San Ġiljan jiġifieri l-Kleru u l-Għaqdiet Reliġjużi li jaħdmu f'dan id-distrett. Il-ħsieb twettaq bil-ġenerożità tas-Sinjorina Karmen Mikallef-Buħaġar ta' Londra li, f'okkażjonijiet oħra ta' ġieħ lill-Poeta Nazzjonali, għamlet tajjeb għall-ispejjeż. Karmen Mikallef-Buħaġar hija l-aktar mara Maltija li għoliet fil-qima li tat lill-Poeta Nazzjonali li tgħallmet tgħożż mindu xbejba mal-ġenituri Maltin tagħha f'Lixandra, iltaqgħet mal-poeżija ta' Dun Karm u sabet fiha dik l-Identità Nazzjonali li xejn ma kellu ħila jagħtiha.

L-Akkademja tal-Malti ssieħbet kif kien xieraq u kif kienet mistiedna li tagħmel, għal ħafna raġunijiet u issa ser insemmi x'uħud minnhom:

Kienu l-kittieba tal-Malti li f'mixja ta' madwar 200 sena ta' xogħol diżinteressat fl-aħħar wasslu għall-Poeta Nazzjonali u kien ix-xogħol tagħhom ilkoll f'imkien li fl-aħħar wassal għas-sentiment li n-nies li jgħixu f'dawn il-gżejjer u jitkellmu bil-Malti huma ġens, poplu, nazzjon għalihom — ħsieb li kien rikonoxxut uffiċjalment bl-Indipendenza Politika ta' Malta fl-1964 u li ser ikun issiġillat bl-Indipendenza Ekonomika ta' Malta li, l-awtoritajiet jassigurawna sejra titwettaq dalwaqt.

Dun Karm kien l-ewwel Viċi-President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti mindu twaqqfet fl-1921 sal-1927 meta miet l-ewwel President tagħha, il-Prokuratur Legali, is-sur Ġużè Muscat Azzopardi. Jekk Dun Karm kien il-Poeta Nazzjonali, is-Sur Ġużè Muscat Azzopardi kien magħruf, u bir-raġun, bħala Missier il-Letteratura Matija billi ħadem b'mod kompetenti f'diversi friegħi tal-Letteratura tagħna, mill-poeżija għar-rumanz, mill-palk għall-ġurnaliżmu fin. Barra minn dan kien il-bniedem li inkoraġġixxa lill-kittieba Maltin biex ma jaqtgħux qalbhom fi żmien meta li tikteb bil-Malti kien meqjus bħala ħaġa ta' nies li ma kinux sodi fil-kulturi l-oħra li kienu moda f'pajjiżna f'dik il-ħabta, u barra minn dan, webbel, ħajjar u ipperswada lil nies li kienu għamlu isem fl-ilsien tal-kulturi li kienu moda dik il-ħabta, li jaqilbu għall-Malti. L-eżempju klassiku hawnhekk huwa dak ta' Dun Karm li fl-1910, wara t-twebbil ta' Muscat Azzopardi, kiteb l-ewwel poeżija tiegħu bil-Malti "Quddiem Xbieha tal-Madonna li għandi f'Kamarti", u b'hekk beda t-triq li minn **"Lo Zanella di Malta"** wasslitu għall-**"Poeta Nazzjonali ta' Malta".**

Imbagħad kien f'dan iż-żmien li l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti għamlet l-iktar xogħol utli tagħha, il-ħolqien ta' ortografija xjentifika uniformi imsejsa fuq l-għarfien tar-regoli tal-grammatika li qegħdin fil-qiegħ ta' kull ilsien magħruf; u ingħatat spinta lill-Kitba Letterarja bil-Malti kif qatt qabel.

Bejn l-1927 u 1942 Dun Karm kien it-tieni President ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Dan kien iż-żmien tar-rikonixximent uffiċjali tal-Malti u l-Ortografija tal-Għaqda. Kienu ċ-ċirkostanzi tal-gwerra li qatgħu r-rabta bejn Dun Karm u l-President tal-Għaqda.

Jien qiegħed inkellimkom billi naħbat ir-raba' President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

Dejjem ngħidu li Dun Karm kien il-Poeta Nazzjonali. Ta min jara daqsxejn x'nifhmu b'dan l-isem li qagħad tajjeb għal Dun Karm u donnu li ma joqgħod għall-ebda poeta Malti ieħor. Dan l-isem kien ħareġ bih Saydon wara l-aħħar gwerra u xeraq fuq Dun Karm kif ingwanta tal-qis toqgħod madwar is-swaba' ta' id. Fil-fehma tiegħi Poeta Nazzjonali mhux dak li l-Ingliżi jsejħu **Poet Laureate.** Naħseb li Dun Karm kien il-Poeta Nazzjonali għax fil-poeżija tiegħu tagħraf is-sentimenti ta' Malti, tassew Malti dwar il-ħwejjeġ Maltin — il-ġeografija tal-gżejjer, il-ħajja Maltija, il-karattri, ir-reliġjon, l-ilsien, l-istorja, l-assedji li għaddejna minnhom u — f'kull aspett tara l-imħabba ta' namrat għall-maħbuba tiegħu. Billi lil Malta ħabbha ħafna jista' jagħdab għaliha ħafna fil-waqt li jħoss li hija tiegħu, bħal ngħidu aħna fil-vers li jkexkex fil-qilla:

"Jien ingħidhulek: gidba sar tiħirek
u gidba l-monument".

Dan is-sentiment tal-imħabba tiegħu għal Malta li jagħmlu l-Poeta Nazzjon-

ali ta' Malta, fis-sens ġeneriku li bih l-Ingliżi jgħidu li "**Wordsworth is the Poet of Nature**", Keats u Shelly il-poeti taż-żgħożija jew li poeti oħrajn kienu metafiżiċi, kavallereski, eċċ. Hu għalhekk li l-isem "Poeta Nazzjonali" huwa ta' Dun Karm biss u mhux isem li jintiret minn ġenerazzjoni ta' poeti għal oħra kif jintiret it-titolu ta' "Poet Laureate" fl-Ingilterra.

Kemm tidher ċara l-imħabba tal-poeta għal Malta fl-aħħar terzina li tagħlaq is-sunett "Wara 2,000 Attakk mill-Ajru" miktub sewwa sew fl-aqwa tal-ġenju poetiku tiegħu qabel ma beda jintefa intellettwalment.

"Ma jien ma rajtek qatt bħal-lum sabiħa
Malta tiegħi, għax mill-libsa mċarrta
stajt nara 'l sidrek u 'l għeruq ta' ġewwa."

U la iċċittajt dan l-aħħar vers hekk qawwi, hekk dinjituż, hekk sod fit-tast tiegħu Malti, inħoss li għandi nieħu l-okkażjoni biex nilqa' għat-tajn li fi żmienna xi ħadd li donnu sema' bi Freud u forsi qara xi sentenza miktuba minnu qiegħed jogħġbu jwaddab lit-tifkira tal-poeta tagħna. Għad li l-poeta tagħna miet kif imut kulħadd huwa għadu ħaj fil-kitba tiegħu u l-kitba tiegħu tgiddeb l-insinwazzjonijiet oxxeni li saru minn nies li messhom jafu ħafna aħjar. Meta wara ħafna tlugħ u nżul qatagħha li jippubblika l-poeżija tiegħu "Inħobbok", ippublika b'ħafna noti fil-qiegħ tal-paġna — ħaġa li ma għamel imkien ieħor — biex juri ċar lil nies ħżiena li kellhom jiġu warajh u jkollhom l-iskuża li ma jafuhx kif konna nafuh aħna li s-sentimenti tal-imħabba li fiha dik il-poeżija — fil-fehma tiegħi l-aqwa poeżija tal-imħabba li għandna fil-Malti — ma kienx frott tal-esperjenza personali tiegħu imma tal-esperjenza li jieħu mill-konfessjunarju kull saċerdot Kattoliku li jaqdi l-missjoni tiegħu tajjeb. Għalhekk hu l-każ li nfakkar lil min għoġbu jixħet it-tajn fil-waqt li b'wiċċu minn quddiem jagħmilha ċara li mhu qed igħid xejn speċifiku bħallikieku l-inġurja mhux xorta qiegħda hemm, l-aħħar versi tas-sunett ta' Dun Karm lil P.D.:-

"Għad li ismi rfistu
hawnhekk quddiem kulħadd jiena naħfirlek
kif għandu jagħmel saċerdot ta' Kristu".

Hi x'inhi l-kwistjoni, din il-lejla hija laqgħa ta' ġieħ u qima lill-Poeta Nazzjonali. Din il-laqgħa għad li ċkejkna fiha element ta' ċiviltà nazzjonali kbira u torbotna mal-pajjiżi ċivilizzati li kollha jgħożżu t-tifkira ta' dawk li bix-xogħol tagħhom igħollu lil pajjiżhom meta mhux ukoll lil dawk li għollew lil xi pajjiż ieħor. Naħseb li qatt ma nista' ninsa l-pjaċir li darba ħadt waqt li kont qed nagħmel passiġġata fit-triq li hemm fil-ġenb tl-Istazzjon tal-ferrovija ta' Firenze fl-Italja. B'kumbinazzjoni waqaft quddiem dar li kellha rħama fuq il-faċċata tagħha. Din l-irħama kellha miktub fuqha xi ħaġa f'dan is-sens: "Hawnhekk għammar għal xi żmien il-poeta Ingliż Percy Bysshe Shelley u kien hawnhekk li dak il-poeta kiteb il-poeżija immortali tiegħu "Ode to the West Wind". F'dak il-ħin reġgħet faqqgħet f'rasi l-karba tal-poet żgħażugħ li ra li ma setax jaqbel mal-ġenerazzjoni tiegħu.

"I fall upon the thorns of life, I bleed.
''A heavy weight of hours has chained and bowed
''One too like them, tameless and swift and proud.

''Make me thy lyre, even as the forest is,
''What if my leaves are fallen like its own?
"The tumult of thy mighty harmonies

"Will take from both a deep autumnal tone
Sweet though in sadness. Be thou Spirit fierce,
My Spirit, be thou me impetuous one!''

Dun Karm, din il-laqgħa ssellem lill-Ispirtu tiegħek, u nistgħu ngħidu li fil-preżenza ta' tant sinjuri li hawn il-lejla, hija Malta kollha li qiegħda ssellimlek. J'Alla ż-żgħażagħ kollha li jgħaddu minn din it-triq għal quddiem, jieqfu, jaqraw u jifhmu kif il-Poeta Nazzjonali ħabb lil Malta tagħna u jagħmlu f'rashom li jħobbu lil art twelidhom kif ħabbha u għożżha l-poeta tagħna, Dun KARM.

---

# Fil-Funeral

**Anton Buttigieg**

Il-warda sebħet
Sabiħa fil-ġmiel tal-għodwa
Iesta biex iżżejjen
Sider ta' tfajla ħelwa
jew mejda ta' palazz:
iżda l-ġennien
qatagħha u dammha
f'kuruna
għall-funeral.
Il-warda għamlet li setgħet
sabiex iżżejjen
it-tebut iswed
u tfarraġ l-imnikktin.

15/7/76

# Korrispondenza *

## INWIEĠEB LIL ANTON AGIUS MUSCAT

Lill-Editur, IL-MALTI,

Sinjur,

Nixtieq nirriferi għall-ittra "Erbgħin Sena Ilu" tal-ħabib tiegħi s-Sur Anton Agius Muscat li dehret fl-aħħar ħarġa ta' IL-MALTI. Qal sewwa l-awtur ta' l-ittra li jien, m semmejt xejn fuq il-kustjoni li qanqal għaliex qatt ma ġie f'idejja xi ħaġa li fuqha stajt norbot, għalkemm ħafna ħwejjeġ fost dawk li kienu jinteressaw ruħhom kienu "noti ın Judea"; it-tieni, stajt naħseb, imma naħseb biss, min kienu dawk li kellu f'moħħu Dr. Laferla billi dehru ċerti pubblikazzjonijiet li kienu jħajruk taħseb li min kien kitibhom, għal xi raġuni jew oħra, ma kienx baqa' sod fil-fehma tiegħu dwar l-alfabett tal-Għaqda; kien hemm oħrajn li għal raġuni tagħhom, x'aktarx politika, l-anqas attendew ċerti laqgħat tal-Għaqda — u dawn fil-fehma ta' Dr. Laferla setgħu jaqilgħu xi nkwiet; it-tielet, is-Sillabu u t-tagħlim tal-Malti tħalla f'idejn wieħed li kellu esperjenza pedagoġika ta' l-iskejjel elementari, u li kien ukoll Membru tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u kittieb t' l-Istorja ta' Artna b'xejra letterarja; dan il-bniedem kellu wkoll, imma x'aktarx f'livell personali u privat l-għajnuna ta' għadd ta' nies oħra li kien wkoll iħobbu l-Malti u l-Għaqda.

Id-daqqa li qalgħet l-Għaqda fi żmien li Dr. Enrico Mizzi kien Ministru tal-Edukazzjoni jista' jitkellem fuqha min għadu ħaj u forsi kellu sehem f'dik il-biċċa xogħol, għalkemm issa wara ra d-dawl u biddel fehemtu. Dan jien għidtu bla ma semmejt ismijiet.

Fil-ħajja ta' l-Ilsien Malti ma' tul dawn l-aħħar 55 sena inqalgħu ċerti kustjonijiet li min kien qed imexxi l-Għaqda deherlu li aħjar jindifnu għall-ġid ta' Lsienna u t-taqbida qawwija li kellna biex inħarsuh u niksbulu l-post li kien ħaqqu fil-ħajja Maltija; dan sabiex inkunu front wieħed kontra l-għedewwa li kienu jinqdew bl-inqas ħaġa biex jagħmlu ħsara lill-ilsien li għalina kien tant għażiż.

Fl-aħħar nett jista' jkun hemm xi dokumenti, xi kitba, li għadha ma ratx id-dawl għaliex forsi ma jaqbilx għal xi ħadd li jsir hekk: forsi Dr. Laferla qal lill-Awtoritajiet jew bil-kliem jew bil-kitba min kienu n-nies li setgħu jħawdu; jien dan ma nafux. Dak li naf hu li fil-kitba tiegħi dwar l-ewwel snin tal- Għaqda kemm-il darba għidt li hemm ħafna vojt li jmissu jimtela u tlabt l-għajnuna ta' kulħadd. Jisgħob bija ngħid li ħadd ma ċċaqlaq ħlief il-mejjet u mibki Professur Serafin Zarb, O.P. li tani f'idejja dokument li qabel ma kienx ġie għandi u li jien ippubblikajt u għidt minn fejn kont ġibtu. Tgħid jaqbel li jerġa' jitqanqal il-ħama? Fil-fehma tiegħi għadu kmieni wisq u ħsara tista' ssir u mhux ġid. "Non omnia vera sunt dicenda" u għad fadal żmien biex tinkiteb l-istorja ta' l-Ilsien Malti fil-prospettiva li jistħoqq.

**Godfrey Zarb Adami**

---

* Il-Korrispondenza li tidher ma tirriflettix il-fehma tal-editur jew tal-Akkademja imma hi biss responsabbiltà tal-kittieb.

# Reċensjonijiet

**L-GĦASFUR TAL-ĠENNA U ĦREJJEF OĦRA ta' Karmenu Ellul Galea, 1976. Paġna vii 190.**

Dan il-ktejjeb fih ġabra ta' 14-il ħrafa u leġġenda, x'uħud oriġinali u oħrajn addattati min-naħat differenti tad-dinja, fosthom Malta.

Fih ukoll kelmtejn ta' daħla mill-awtur li jgħidilna illi l-ħsieb tiegħu b'din il-pubblikazzjoni huwa "li nipprova nislet u nagħsar fil-qosor it-twemmin popolari ta' ħaddieħor f'dan il-qasam. U fejn stajt, anki ħarrift u żewwaqt bl-ambjent Malti."

Hemm ukoll studju qasir fuq il-kontenut minn Joe Zammit Ciantar li ħa ħsieb id-disinji, waħda għal kull storja, li jixirqu ħafna. Huwa jistqarr, fil-bidu nett ta' l-istudju, li Karmenu Ellul Galea, kittieb magħruf sewwa fil-kitba bil-Malti, kien issa se jidħol b'dan il-ktieb tiegħu ta' ħrejjef u leġġendi, f'qasam ieħor ta' kitba — dik għat-tfal

Imma f'din il-ħaġa nħoss li ma naqbilx wisq. Ir-raġuni hi li għalkemm il-ħrejjef u l-leġġendi li fih il-ktieb huma sbieħ fihom infushom u, meta qrajthom għoġbuni, qist u rajt li l-istil u l-mod kif l-awtur niseġ dawn l-istejjer tiegħu huma ftit u xejn tqal biex it-tfal jistgħu tabilħaqq jiggustawhom. Jingħoġbu miż-żgħażagħ u mill-kbar żgur imma mit-tfal minix tal-fehma. Biex inkun għedt kollox, jista' jkun li jekk it-tfal isibu 'l xi ħadd kbir li jaqrahomlhom kif jixraq huma wkoll jaslu biex jiggustaw l-ħrejjef u l-leġġendi li qed insemmu. Jekk jiġu biex jaqbdu huma l-ktieb f'idejhom nibża' li ma japprezzawhomx biżżejjed għax isibu li mhumiex ħobż għal snienhom.

Storja għat-tfal trid tkun miktuba bi stil mexxej, sentenzi qosra, djalogu ħaj mingħajr ħafna tiġbid, u ħsibijiet ħfief li t-tfal jifhmu malajr. Dawn l-elementi huma ftit u xejn skarsi fil-kitba ta' dawn il-ħrejjef u l-leġġendi u hu minħabba f'hekk li narahom mhux addattati wisq għat-tfal.

Karmenu Ellul Galea ried ukoll li l-ħrejjef u l-leġġendi tiegħu ma jkunux battala għal kollox u għalhekk ġieli jieħu fit-tul biex ifisser din u dik il-ħaġa, igħallem u jagħti tagħrif, jisħaq fuq it-tagħlima biex hekk il-qarrej jikseb xi ħaġa ta' ġid għalih. Dawn huma ħwejjeġ sbieħ u ta' min ifaħħarhom imma mat-tfal ma narax li jdoqqu wisq. It-tfal għid dak li għandek tgħid, sensel ġrajja wara oħra biex tinseġ l-istorja u tqajjem interess u l-lezzjoni toħroġ weħidha.

Mill-bqija, bħala biċċa xogħol oħra bil-Malti fil-qasam tal-ħrejjef u l-leġġendi, K. Ellul Galea ssokta jagħmel isem għalih bħala kittieb u jagħni l-letteratura Maltija. U għalhekk ma nistax ma nirrikmandax mill-qalb dan il-ktieb lill-qarrejja kollha tal-Malti.

**Pamiża.**

## WERREJ 1976


**Apap Victor:** Paġ.

Priżma ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 82/103

**Attard Emmanuel F.:**

Deffien F'Raħal ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 11

**Azzopardi Roman:**

Il-Vokabularju Ingliż fil-Malti ... ... ... ... ... ... ... ... ... 48

**Buttigieg Anton:**

Fil - Funeral ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 124

**Camilleri J.J.:**

Marsalforn ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 8

F'Xifer il-Blat ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 8

In-Nifs tal-Ħajja ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 9

Ulied Missierhom ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 9

F'Jum l-Imwiet ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 54

Innu Patrijottiku ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 78

In-Nuffara ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 78

Parassiti ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 79

Ħolm ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 80

Serbut Twil ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 80

Għada magħna ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 112

Dahar ta' Bagħal ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 118

**Caruana Demajo G.:**

X'inhi l-Poeżija ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 20

**Cassola Albert M.:**

Iż-Żgħożija ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 67

Eskapiżmu ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 99

**Cortis Jane:**

Guħ ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 34

Tnabar ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 52

Summertime ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 81

Minn Fuq l-Irdum ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 91

**Editorjal:**

Wara l-Laqgħa Ġenerali ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 1

Ir-Reviżjoni ta' "It-Tagħrif" ... ... ... ... ... ... ... ... ... 33

Ħarsa Lura ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 65

Inqajmu Kuxjenza Nazzjonali ... ... ... ... ... ... ... ... ... 97

**Fenech Patri Dwardu, O.S.A.:**

"In-Nissieġa" ta' Dun Karm u "La Tessitrice" ta' Giovanni Pascoli ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 44

**Friggieri Oliver:**

Konsiderazzjoni Dwar il-Poeżija fis-Seklu 19.

L-Ewwel Parti ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 26

It-Tieni Parti ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 36

Kont Tifel Seklu Ilu ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 91

**Galea, Prof. Ġużè:**
L-Ilsien Malti f'Lourdes ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 119
**Rosanne Gatt:**
L-Ideal ta' Ħajti ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 117
**Gulia Wallace Ph.:**
Il-Jylland ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 35
Dun Karm f'San Ġiljan ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 121
**Il--Mewt tal-Profs. Zarb** ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 2
**Kilin:**
Pizzi Pizzi Kanna ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 111
**Korrispondenza:**
Erbgħin sena Ilu (Anton Agius Muscat) ... ... ... ... ... ... ... 93
Inweġeb lil A.A. Muscat (Godfrey Zarb Adami) ... ... ... ... ... 125
**Massa Alfred:**
Tebut ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 34
Versi ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 64
**Mifsud Charles:**
Rifless ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 47
Leħen il-Malti ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 113
Gwerra ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 114
**Mifsud Pawlu:**
La Ngħodd 14 Biss . . ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 7
Ħmura ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 32
**Mizzi Lawrence:**
Għad Jasal xi Darba? ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 89
**Pellegrini V.M.:**
Il-Ġifen Tork ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 69
**Rapport Amministrattiv — 1974-75** ... ... ... ... ... ... ... ... ... 4
**Riċenzjonijiet:**
Beraq u Qawsalli (Ġorġ Pisani) ... ... ... ... ... ... ... ... ... 60
Fit-Triq tal-Empirew (Doreen Micallef) ... ... ... ... ... ... ... 61
Aħjar Baqa' Joħlom (Anton Grasso) ... ... ... ... ... ... ... 62
Dawl Fid-Dlam ((Manwel Nicholas-Borg) ... ... ... ... ... ... 95
L-Għasfur tal-Ġenna u Ħrejjef Oħra (K. Ellul Galea) ... ... ... ... 126
**Serracino-Inglott Erin:**
Jiktbilna Ittra ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 10
**Vassallo J.P.:**
Ave Caesar ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 81
Vice Versa ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 120
**Zammit George:**
Il-Bejta fin-Niċċa ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 92
**Zarb Dwardu:**
Eleġija (traduzzjoni) ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 16
**Zarb Miriam:**
Kuntrast bejn il-Karattri fir-Rumanz "Taħt Tliet Saltniet" ... ... 55